



# IL-KISBIET TAL-ĦILIET FIL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA
# LIVELL A1

Manwal maħsub bħala għajnuna għall-għalliema tal-Malti fl-Iskejjel Medji u Sekondarji
biex isegwu l-progress tal-istudenti fil-ksib tal-ħiliet fil-Malti bħala lingwa barranija.

Doreen Coleiro, George Mifsud u David Muscat
Uffiċjali Edukattivi tal-Malti
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
2015

## Il-profil tal-istudent/a

Waħħal ritratt tiegħek.

Il-kulleġġ: ______________________________________________

L-iskola: ______________________________________________

L-isem u l-kunjom: ________________________________________

L-indirizz tad-dar: ________________________________________ Is-sena skolastika: ________________________________________

In-numru tat-telefown tad-dar: ______________________________ In-numru tal-mowbajl ta’ min jieħu ħsiebek: ____________________

L-indirizz elettroniku: _____________________________________ Isem l-għalliem/a: ________________________________________

Kwalità tajba li għandi: ______________________________________________________________________________________

X’nixtieq mill-iskola: ________________________________________________________________________________________

X’nixtieq nagħmel la nispiċċa l-iskola: _________________________________________________________________________

# DAĦLA

**Kif tfasslu dawn il-linji gwida:**

1. Dawn il-kisbiet tfasslu fuq il-livell A1 tal-Qafas Komuni Ewropew għal-Lingwi Barranin imsejsin fuq il-ħiliet tat-taħdit, is-smigħ, il-qari u l-kitba. **Il-pjan ta' ħidma li jimxi id f'id ma' dawn il-kisbiet jista' jinfirex fuq aktar minn sena. Se jkun hemm eżami annwali li għalih jistgħu jersqu dawk l-istudenti li skont il-parir tal-għalliem jkunu laħqu livell A1.**

**Għaliex tfasslu:**

1. Mix-xewqa tal-għalliema li jkollhom gwida u prattika komuni li tgħinhom ifasslu t-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija.
2. Sabiex jimlew il-vojt sakemm jidħol fis-seħħ il-qafas tal-kisbiet mit-tagħlim *(learning outcomes framework).*
3. Biex l-istudenti u l-ġenituri jkunu jistgħu jsegwu kontinwament il-progress li jsir fil-kisba ta' dawn il-ħiliet.

**X'inhuma dawn il-linji gwida:**

1. Għandhom jintużaw mill-għalliema tal-Malti biex jgħinuhom fit-tfassil u t-twettiq ta' ħidmiethom fil-qasam tat-tagħlim tal-Malti lill-barranin.
2. Iridu jkunu parti mill-fajl tal-istudenti tat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa barranija. Dawn huma għajnuniet biex l-istudenti jaħkmu sewwa l-ħiliet ewlenin fl-oqsma tal-lingwa biex imbagħad ikunu jistgħu jimxu għal livell ogħla.
3. Għandhom iservu ta' gwida kontinwa għall-għalliema biex jaraw li l-istudenti jkunu mexjin pass pass fil-kisba tal-ħiliet.
4. Għandhom iservu ta' għajnuna fl-assessjar kontinwu tal-istudenti għax jagħtu stampa fejn ikunu waslu u 'l fejn iridu jmorru/jimmiraw.

**Kif jintużaw dawn il-linji gwida:**

1. Biex l-għalliema jfasslu l-iskema tax-xogħol tagħhom skont il-ħtiġijiet partikulari tal-istudenti għax jagħtu stampa fejn qegħdin l-istudenti u jindikaw il-pass li jmiss.
2. Fihom ħjiel ta' approċji u metodoloġiji li jistgħu jintużaw fil-klassi.
3. L-għalliema jistgħu jsegwuhom u regolarment jinnotaw il-progress li l-istudenti jkunu qed jagħmlu.
4. Qiegħda tintuża sistema ta' kodiċi li tindika l-livelli milħuqa f'kull stadju. Għandha tintuża din l-iskema:

| **1: Il-mira milħuqa** | **2: Il-mira mhix milħuqa** |
|---|---|

5. Dejjem għandha titniżżel id-data u jkun hemm immarkat jekk hemmx evidenza bil-miktub fil-fajl li tixhed li l-mira ntlaħqet. Fejn m'hemmx evidenza bil-miktub u l-mira titqies mill-għalliema bħala milħuqa, jitniżżel in-numru 1 u d-data meta l-istudent wera li laħaq dik il-mira.
6. Jiffurmaw parti mill-assessjar kontinwu u għandhom 60 fil-mija tal-marka finali li jitqassmu hekk: 10 marki għall-ksib ta' miri fit-taħdit,10 marki għall-fehim mis-smigħ, 10 marki għall-qari, 10 marki għall-kitba u 20 marki għall-użu tal-Malti f'kuntest waqt l-attivitajiet.
7. Il-miri li ma jintlaħqux f'sena partikulari l-għalliema jistgħu jkomplu jaħdmu fuqhom fis-sena/snin ta' wara.
8. L-għalliema jistgħu jinqdew bil-miri biex jibnu taħriġ differenzjat li jkopri l-interessi u l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha.
9. Jistgħu jkunu l-bażi li fuqhom jiġi deċiż il-progress tal-istudenti wara li jiġi diskuss mal-ġenituri u l-amministrazzjoni tal-iskola.
10. Jistgħu jintużaw mill-ġenituri biex ikunu jafu fejn l-istudenti jeħtiġilhom l-għajnuna ħalli d-dar ikunu jistgħu jsaħħu dak li jkun ġie mgħallem fil-klassi.

# IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT

| IL-ĦILA | DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IS-SMIGĦ U T-TAĦDIT | | MIRA (**1** jew **2**) | DATA | EVIDENZA (fajl) |
|---|---|---|---|---|---|
| | **1: Il-mira milħuqa** | **2: Il-mira mhix milħuqa** | | | |
| 1.01 | Nikkomunika soċjalment billi nħaddem kliem bħal *grazzi, jekk jogħġbok, skużani* eċċ. | | | | |
| 1.02 | Nippronunzja għażla limitata ta' kliem u frażijiet li nkun tgħallimt, ċari biżżejjed li jifhimni l-kelliem nattiv. | | | | |
| 1.03 | Nuża espressjonijiet sempliċi biex nesprimi x'neħtieġ u d-dettalji personali. | | | | |
| 1.04 | Nintroduċi lili nnifsi, nsellem u nselli b'espressjonijiet bażiċi u sempliċi. | | | | |
| 1.05 | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet dwari nnifsi u oħrajn bħal xi nħobb, lil min naf, l-affarijiet li għandi u l-bqija. | | | | |
| 1.06 | Niddeskrivi lili nnifsi, x'nagħmel fil-ħajja u fejn noqgħod. | | | | |
| 1.07 | Ngħid frażijiet qosra dwar in-nies ta' madwari u l-postijiet li niffrekwenta. | | | | |
| 1.08 | Nistaqsi u nwieġeb mistoqsijiet sempliċi, meta niġi bżonnhom u meta qed nitkellem fuq suġġetti li jien midħla tagħhom.. | | | | |
| 1.09 | Nistaqsi lil xi ħadd kif inhu/kif iħossu u nirreaġixxi għal xi aħbar. | | | | |
| 1.10 | Nistaqsi għal xi ħaġa u noffri xi ħaġa. | | | | |
| 1.11 | Nikkomunika b'mod sempliċi billi nirrepeti, nitkellem bil-mod u nikkoreġi ruħi meta nieħu żball. | | | | |
| 1.12 | Nirrispondi waqt intervista mistoqsijiet sempliċi magħmulin b'mod ċar u bil-mod, u ħielsa minn espressjonijiet idjomatiċi. | | | | |
| 1.13 | Nuża għażla ta' vokabularju u frażijiet relatati ma' sitwazzjonijiet partikolari. | | | | |
| 1.14 | Nuża strutturi grammatikali f'sentenzi sempliċi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. | | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1.15 | Ngħid in-numri, il-prezzijiet, il-kwantitajiet, il-ħin u ż-żmien billi nuża frażijiet bħal *il-ġimgħa d-dieħla..., it-Tnejn li għadda..., f'Novembru..., it-tlieta ta' waranofsinhar.* | | | |
| 2.01 | Insegwi taħdit imlissen b'mod ċar u bil-mod, b'waqfiet twal li jagħtuni ċ-ċans li nifhem. | | | |
| 2.02 | Nifhem espressjonijiet li jintużaw ta' kuljum mogħtija b'mod ċar, bil-mod u repetuti jekk ikun hemm bżonn. | | | |
| 2.03 | Nifhem istruzzjonijiet mogħtija b'mod ċar u bil-mod, u nsegwi direzzjonijiet ħfief. | | | |
| 2.04 | Nifhem mistoqsijiet u istruzzjonijiet mogħtija bil-mod, u nsegwi direzzjonijiet qosra u sempliċi. | | | |
| 2.05 | Nifhem siltiet narrattivi qosra u nagħti t-tweġibiet tiegħi għal mistoqsijiet diretti bil-fomm u bil-kitba. | | | |

# IL-QARI

<table>
<tr><th rowspan="2">IL-ĦILA</th><th colspan="2">DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-QARI</th><th rowspan="2">MIRA<br>(1 jew 2)</th><th rowspan="2">DATA</th><th rowspan="2">EVIDENZA<br>(fajl)</th></tr>
<tr><th>1: Il-mira milħuqa</th><th>2: Il-mira mhix milħuqa</th></tr>
<tr><td></td><td colspan="2"></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.01</td><td colspan="2">Nagħraf il-ħsejjes li jirrappreżentaw l-ittri tal-alfabett Malti waqt li nkun qed naqra.</td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.02</td><td colspan="2">Naqra ismijiet familjari, kliem u frażijiet bażiċi minn avviżi sempliċi li niltaqa' magħhom fil-ħajja tiegħi ta' kuljum.</td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.03</td><td colspan="2">Naqra u nifhem messaġġi qosra u sempliċi bħal dawk f' kartolina u ittra qasira postali/elettronika.</td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.04</td><td colspan="2">Naqra u nsegwi direzzjonijiet sempliċi u qosra miktuba, bħal ngħidu aħna kif nasal minn post għal ieħor.</td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>3.05</td><td colspan="2">Naqra sentenzi u stqarrijiet qosra li nkun ipprattikajt minn qabel bħal ngħidu aħna nintroduċi kelliem, nagħmel stedina formali.</td><td></td><td></td><td></td></tr>
</table>

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 3.06 | Naqra u nifhem test sempliċi u qasir, billi nagħraf u nidentifika ismijiet familjari, kliem u frażijiet bażiċi u billi nerġa' naqra t-test mill-ġdid jekk inħoss il-ħtieġa. | | | |
| 3.07 | Nieħu l-idea ċentrali ta' materjal informattiv sempliċi u deskrizzjonijiet sempliċi anke mill-istampi. | | | |

# **IL-KITBA**

| **IL-ĦILA** | **DESKRIZZJONI TAL-ĦILA: IL-QARI** | | **MIRA** (**1** jew **2**) | **DATA** | **EVIDENZA** (fajl) |
|---|---|---|---|---|---|
| | **1: Il-mira milħuqa** | **2: Il-mira mhix milħuqa** | | | |
| 4.01 | Nikkopja kliem u testi qosra ppreżentati f'forma stampata. | | | | |
| 4.02 | Nikkopja kliem u frażijiet qosra bħal sinjali sempliċi jew istruzzjonijiet, ismijiet ta' affarijiet li nużaw ta' kuljum, ismijiet ta' ħwienet u frażijiet oħra li jintużaw regolarment u l-bqija. | | | | |
| 4.03 | Nikteb u nħaddem tajjeb l-ittri partikulari tal-alfabett Malti. | | | | |
| 4.04 | Nikteb l-indirizz u n-nazzjonalità tiegħi. | | | | |
| 4.05 | Norbot sekwenza ta' kliem bi kliem għaqqiedi bħal 'u', 'imma', 'imbagħad'. | | | | |
| 4.06 | Nagħti bil-miktub id-dettalji personali tiegħi. | | | | |
| 4.07 | Nikteb sentenzi sempliċi u qosra bl-għajnuna ta' dizzjunarju, fejn meħtieġ. | | | | |
| 4.08 | Nikteb frażijiet u sentenzi sempliċi dwari nnifsi u persuni immaġinarji billi ngħid xi jħobbu u x'jagħmlu. | | | | |
| 4.09 | Nikteb istruzzjonijiet sempliċi fuq temi li jien midħla tagħhom. | | | | |